



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.2.2014
COM(2014) 72 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Il-Politika u l-Governanza tal-Internet
Ir-rwol tal-Ewropa fid-definizzjoni tal-futur tal-Governanza tal-Internet**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

1. INTRODUZZJONI

Għal iktar minn ħmistax-il sena, l-UE għenet biex issostni u tiżviluppa l-internet: bħala parti essenzjali tal-ħajja u pilastru fundamentali tas-Suq Uniku Diġitali, l-internet kattar l-innovazzjoni, it-tkabbir, il-kummerċ, id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem¹. Huwa mbassar li t-tkabbir marbut mal-ekonomija tal-internet huwa kważi 11 % fl-UE u l-kontribut għall-PDG mistennija li tiżdied minn 3,8 % fl-2010 għal 5,7 % fl-2016.² L-intrapriżi żgħira u medji li jużaw l-internet b'mod intensiv jikbru b'rata ta' kważi darbtejn aktar mgħaġġla mill-oħrajn³. Jinhtiegħ li dan il-potenzjal ekonomiku jiġi sfruttat iktar biex l-individwi jkollhom aċċess għall-kontenut, il-prodotti u s-servizzi li jridu, u jkollhom il-kontroll fuq liema dejta personali jixtiequ jaqsmu jew le. In-netwerks siguri, stabbli u reżiljenti jiffurmaw il-bażi ta' ekonomija tal-internet li n-nies jafdaw u li tkun sejra tajjeb⁴. Internet miftuħ u ħieles fejn id-drittijiet u l-libertajiet kollha li n-nies għandhom offlajn japplikaw ukoll onlajn, jiffaċilita l-progress soċjali u demokratiku madwar id-dinja.

Biex dawn il-benefiċċji ma jintilfux, huwa essenzjali li jkun hemm governanza sostenibbli tal-internet li tinvolvi l-partijiet interessati⁵ kollha. Il-governanza tal-internet tinvolvi varjetà kbira ta' organizzazzjonijiet⁶, u b'mod ġenerali tinftiehem li tirreferi għal "l-lżvilupp u l-applikazzjoni mill-Gvernijiet, is-settur privat u s-soċjetà ċivili, fir-rwoli rispettivi tagħhom, tal-prinċipji, in-normi, ir-regoli, il-proċeduri għat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-programmi komuni li jiffurmaw l-evoluzzjoni u l-użu tal-internet"⁷.

Dan l-aħħar, intensifikaw il-viżjonijiet konfliġġenti dwar il-futur tal-internet u dwar kif tista' tissaħħaħ il-governanza plurilaterali tiegħu b'mod sostenibbli. Barra minn hekk, ir-rapporti li ħarġu dwar programmi ta' sorveljanza fuq skala kbira u l-biża' miċ-ċiberkriminalità affettwaw b'mod negattiv il-fiduċja fl-Internet. Kollox ma' kollox, jekk tibqa' tonqos il-fiduċja fl-internet u fil-governanza attwali tiegħu, dan jista' jnaqqas ir-rata tal-innovazzjoni u t-tkabbir tal-kumpaniji tal-internet Ewropej. Dan jista' jwassal ukoll għal pressjoni fuq l-istrutturi nazzjonali u reġjonali ġodda tal-governanza li tista' twassal għall-frammentazzjoni tal-internet.

Din il-Komunikazzjoni tipproponi bażi għal viżjoni Ewropea komuni għall-governanza tal-internet

¹ Ara COM(1998) 111, COM(1998) 476, COM(2000) 202, ĠU C 293, 14.10.2000, COM(2009) 277, Riżoluzzjoni tal-PE 15.6.2010 (2009/2229(INI))

² Boston Consulting Group, "The \$4.2 Trillion Opportunity – the Internet Economy in the G-20", 3/2012

³ McKinsey Global Institute "Internet matters: The Net's sweeping impact on growth, jobs, and prosperity", l-2011

⁴ Join(2013)1, "Cybersecurity Strategy of the European Union: An Open, Safe and Secure Cyberspace", 7.2.2013

⁵ Skont l-Aġenda ta' Tuneż, il-Governanza tal-Internet għandha tinvolvi lill-gvernijiet, lis-settur privat u lis-soċjetà ċivili (il-para. 34), kif ukoll lil organizzazzjonijiet intergovernattivi u internazzjonali (il-para. 35(d), (e)), u għandha tinkludi l-kontribut tal-komunità akkademika u tal-komunità teknika (il-para. 36).

⁶ Ara pereżempju "Introduction to Internet Governance", <http://www.diplomacy.edu/IGBook/>; Il-proġett "Mapping Internet Governance" fi <http://idgovmap.org/>; <http://www.icann.org/sites/default/files/assets/governance-2500x1664-21mar13-en.png>

⁷ Definizzjoni provviżorja tal-Governanza tal-Internet, kif inkluda fil-konklużjonijiet ta' WSIS, ara <http://www.itu.int/wsisis>.

- biex tiddefendi u tippromwovi d-drittijiet fundamentali u l-valuri demokratiċi, u strutturi plurilaterali ta' governanza li jkunu bbażati fuq regoli ċari li jirrispettaw daww id-drittijiet u l-valuri⁸,
- bħala netwerk uniku, mhux frammentat, soġġett għall-istess liġijiet u normi li japplikaw f'oqsma oħra tal-ħajja tagħna ta' kuljum; u fejn l-individwi jistgħu jgawdu d-drittijiet tagħhom u, jekk dawn id-drittijiet jinkisru, ikollhom aċċess għal rimedji ġudizzjarji.
- irregolat permezz ta' mudell plurilaterali ġenwin
 - fejn id-diskussjonijiet intergovernattivi meħtieġa jkunu ankrati f'kuntest plurilaterali msejjes fuq l-għarfien sħiħ li l-internet huwa mibni u miżmum minn varjetà ta' partijiet interessati, minbarra l-gvernijiet;
 - fejn id-deċiżjonijiet jittieħdu abbażi tal-prinċipji ta' governanza tajba, li jinkludu t-trasparenza, ir-responsabbiltà u l-inklużjoni tal-partijiet interessati rilevanti kollha;
- b'Forum dwar il-Governanza tal-Internet imsaħħaħ u riformat;
- b'Korporazzjoni tal-Internet dwar l-Ismijiet u n-Numri Assenjati u Awtorità għan-Numri Assenjati tal-Internet (IANA) globalizzati.

Din il-Komunikazzjoni tibni fuq il-Komunikazzjoni preċedenti tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Governanza tal-Internet fl-2009, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mat-tisħiħ tal-mudell plurilaterali. Il-Komunikazzjoni ma titlobx li jiġi adottat xi strument legali internazzjonali ġdid biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet tal-governanza tal-Internet⁹.

Din il-Komunikazzjoni tiffoka fuq it-tliet oqsma prinċipali tal-politika li huma rilevanti għall-ekosistema kumplessa tal-governanza tal-internet. L-oqsma ewlenin tad-dibattitu attwali, jiġifieri l-iżvilupp tal-prinċipji tal-governanza tal-internet, l-oqfsa ta' kooperazzjoni u l-funzjonijiet ewlenin tal-internet, huma indirizzati fit-Taqsimiet 2, 3 u 4. It-Taqsima 5 tagħmel proposti konkreti dwar kif għandu jissaħħaħ il-mudell plurilaterali attwali. It-Taqsimiet 6, 7 u 8 jagħtu ħarsa 'l quddiem lejn xi wħud mill-kwistjonijiet ewlenin li għandhom jiġu indirizzati fil-kuntest tal-governanza tal-internet fil-ġejjieni, jiġifieri l-interazzjoni qawwija bejn in-normi tekniċi u l-politika dwar l-internet, l-isfidi ewlenin fil-ħolqien mill-ġdid tal-fiduċja u l-kunflitti tal-ġurisdizzjonijiet u l-liġijiet. Ħafna mill-kwistjonijiet ippreżentati se jkunu soġġetti għal aktar konsultazzjonijiet speċifiċi mal-partijiet interessati.

2. APPROĊĠ IBBAŻAT FUQ IL-PRINĊIPJI

Is-saħħa tal-internet tinsab fin-natura mifituha u mifruxa tiegħu, abbażi tal-istandards mhux proprjetarji li jholqu ostakli baxxi għad-dħul. L-Unjoni Ewropea minn dejjem kienet temmen li l-internet għandu jkun spazju wieħed, mhux frammentat, fejn ir-riżorsi kollha jkunu aċċessibbli bl-istess mod, irrispettivament minn fejn ikunu jinsabu l-utent u l-fornitur. Dan huwa l-każ partikolarment f'dak li għandu x'jaqsam mad-drittijiet tal-bniedem u xi Stati, bl-iskuża tas-sigurtà, jippruvaw irażżnu l-konnettività globali taċ-ċittadini tagħhom permezz taċ-ċensura u restrizzjonijiet oħra. Li wieħed jimblokka, inaqas il-veloċità jew jiddiskrimina fil-

⁸ Kif minqux fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE

⁹ Barra minn hekk, l-azzjonijiet previsti f'din il-Komunikazzjoni ma jeħtiġux xi baġit addizzjonali lil hinn mill-appropriazzjonijiet attwali li diġà huma previsti fil-qafas finanzjarju pluriennali attwali.

kontenut, l-applikazzjonijiet jew is-servizzi huwa kontra n-natura miftuħa tal-internet¹⁰. Anki meta wieħed ikun qed jaffaċċja sfidi politiċi jew regolatorji kumplessi, l-iffiltrar tat-traffiku oħra fil-fruntieri jew approċċi oħra purament nazzjonali jistgħu jwasslu għall-frammentazzjoni tal-internet u jistgħu jikkompromettu t-tkabbir ekonomiku u l-fluss ħieles tal-informazzjoni. Dan ma jeskludix li jkun hemm aktar sforzi fid-diversifikazzjoni tal-infrastruttura sottostanti bħall-punti lokali tal-iskambju tal-internet u l-kapaċità tat-trażmissjoni, li jistgħu jsaħħu r-reżiljenza u r-robustezza tal-internet, u lanqas ma jeskludi t-teħid tal-miżuri meħtieġa għall-ħarsien tad-drittijiet fundamentali u biex jindirizzaw it-tħassib li rriżulta mir-rivelazzjonijiet dwar attivitajiet fuq skala kbira ta' sorveljanza u intelliġenza.

Għal aktar minn sentejn, il-Kummissjoni appoġġat approċċ imqassar bl-akronimu **COMPACT**¹¹: l-internet bħala spazju ta' responsabbiltajiet ċiviċi, riżorsa waħda, mhux frammentata, irregolata permezz ta' approċċ plurilaterali għall-promozzjoni tad-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem, ibbażat fuq arkitettura teknoloġika solida li tiġġenera l-fiduċja u tiffaċilita governanza trasparenti tal-infrastruttura sottostanti tal-internet u tas-servizzi li jimxu fuqha.

COMPACT ikompli jibni fuq l-Aġenda ta' Tuneż tal-2005. Minn dak iż-żmien 'l hawn kien hemm proliferazzjoni ta' prinċipji tal-governanza tal-internet f'diversi fora iżda fil-biċċa l-kbira tal-każijiet kull wieħed minnhom kien appoġġat minn sett limitat ta' partijiet interessati, jew kien limitat fl-ambitu ġeografiku tiegħu¹². Biex jinstab ftehim komuni, ikun ta' għajjnuna proċess li jwassal għal sett ta' prinċipji koerenti u appoġġati b'mod aktar wiesa' għall-governanza tal-Internet.

Il-Kummissjoni tappoġġja l-istabbiliment ta' sett koerenti ta' prinċipji ta' governanza tal-internet globali, konsistenti mad-drittijiet fundamentali u l-valuri demokratiċi, mal-partijiet interessati kollha. Il-Kummissjoni se tiffaċilita d-diskussjonijiet fost il-partijiet interessati, inkluż permezz ta' pjattaformi plurilaterali u l-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Governanza tal-Internet¹³. Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew biex jikkontribwixxu għal pożizzjoni Ewropea komuni fil-fora xierqa kollha.

3. QAFAS TA' GOVERNANZA KOOPERATTIVA

Id-djalogi b'rispett reċiproku bejn il-partijiet interessati kollha dwar il-futur tal-iżvilupp tal-governanza tal-internet globali, huma essenzjali minħabba l-importanza soċjali u ekonomika globali tal-internet. Il-Forum dwar il-Governanza tal-Internet (IGF) ħareġ mis-Samit Dinji dwar is-Soċjetà tal-Informazzjoni (WSIS) biex jiffaċilita d-diskussjonijiet innovattivi fost il-partijiet interessati kollha, li ħafna minnhom ma kinux ikkooperaw mill-qrib qabel. Huwa

¹⁰ COM(2013) 627. Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri biex jitlestha s-suq uniku Ewropew għall-komunikazzjoni elettronika u biex jinkiseb Kontinent Konness.

¹¹ Ippreżentat fl-okkażjoni tal-Laqgħa ta' Livell Għoli tal-OECD dwar l-Ekonomija tal-Internet, 28.06.2011, http://ec.europa.eu/commission_2010-2014/kroes/en/blog/i-propose-a-compact-for-the-internet

¹² eż. Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-OECD dwar il-Prinċipji għat-Tfassil tal-Politika dwar l-Internet (2011); Id-Dikjarazzjoni tal-G8 ta' Deauville (l-2011)

¹³ Il-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni se jiżgura l-koordinazzjoni fil-livell Ewropew fis-segwitu tal-WSIS

importanti, madankollu, li l-kwalità u l-format tar-riżultati tal-IGF jittejbu sabiex jissaħħa l-impatt tiegħu fuq il-governanza u l-politika tal-Internet.

L-interazzjonijiet aktar b'saħħithom bejn il-partijiet interessati involuti fil-governanza tal-internet għandhom jitravmu permezz ta' djalogi dwar kwistjonijiet speċifiċi, u mhux permezz ta' korpi ġodda. Dan jippermetti lill-partijiet interessati rilevanti biex jindirizzaw l-isfidi speċifiċi lil hinn mill-fruntieri organizzazzjonali u strutturali. Dawn l-arranġamenti jistgħu jkunu ispirati mill-arkitettura mifruxa tal-internet li għandha sservi ta' mudell għal interazzjonijiet aħjar bejn il-partijiet kollha.

Barra minn hekk, mudell sostenibbli jeħtieġ li jiddefinixxi biċ-ċar ir-rwoli tal-atturi fil-proċess ta' governanza, inkluż ir-rwol tal-awtoritajiet pubbliċi fil-qadi tar-responsabbiltajiet tagħhom fil-politika pubblika f'mod li jkun konsistenti mad-drittijiet tal-bniedem onlajn¹⁴. Din is-sostenibbiltà teħtieġ ukoll impenn komuni mill-partijiet interessati kollha għal sett koerenti ta' prinċipji tal-governanza tal-internet.

Fl-ispazju tal-internet, l-mekkaniżmi ta' responsabilità huma essenzjali għall-atturi, inkluż l-organizzazzjonijiet responsabbli mill-kompiti ewlenin tal-internet. Il-mekkaniżmi bħall-awtovalutazzjoni u r-reviżjoni indipendenti (esperta) jistgħu jsaħħu l-implimentazzjoni u jirakkomandaw it-titjib.

L-Affermazzjoni tal-Impenji tal-Korporazzjoni tal-Internet dwar l-Ismijiet u n-Numri Assenjati (ICANN), u l-użu tagħha tal-bordijiet ta' reviżjoni plurilaterali, tista' tkun ispirazzjoni waħda għal organizzazzjonijiet u proċessi oħra.

Il-Kummissjoni se timpenja ruħha mal-partijiet interessati biex:

- issaħħaħ il-Forum dwar il-Governanza tal-Internet, filwaqt li tikkunsidra r-Rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Ħidma dwar it-Titjib lill-IGF¹⁵;
- tiddefinixxi b'mod ċar ir-rwol tal-awtoritajiet pubbliċi fil-kuntest plurilaterali, b'mod konsistenti ma' internet miftuħ u liberu;
- tiffaċilita djalogu plurilaterali bbażat fuq kwistjonijiet speċifiċi u t-teħid ta' deċiżjonijiet lil hinn mill-fruntieri tal-organizzazzjonijiet.

4. IL-GLOBALIZZAZZJONI TAD-DEĊIŻJONIJIET EWLENIN TAL-INTERNET

L-internet sar infrastruttura ewlenija b'dimensjonijiet globali. Jaħdem tajjeb mingħajr sorveljanza strutturali mill-entitajiet intergovernattivi internazzjonali. Fl-istess ħin, bilanċ internazzjonali akbar fi ħdan l-istrutturi eżistenti jista' jżid il-leġittimità tal-arranġamenti ta' governanza attwali.

Fl-2005, il-Gvern tal-Istati Uniti impenja ruħu biex jaħdem flimkien mal-komunità internazzjonali biex jindirizza t-tħassib tal-politika pubblika fir-rigward tat-tmexxija ta' dominji tal-ogħla livell nazzjonali (country-code top-level domains - ccTLD)¹⁶. Madankollu,

¹⁴ Ara l-paragrafi 35 u 36 tal-Aġenda ta' Tuneż u COM(2009) 277, il-para. 2.

¹⁵ Ara http://unctad.org/meetings/en/SessionalDocuments/a67d65_en.pdf

¹⁶ Ara <http://www.ntia.doc.gov/other-publication/2005/us-principles-internets-domain-name-and-addressing-system>

dan għadu ma ġiex implimentat bis-sħiħ. Fil-Komunikazzjoni¹⁷ tagħha tal-2009, il-Kummissjoni Ewropea semmiet l-internazzjonalizzazzjoni mhux kompluta ta' funzjonijiet u organizzazzjonijiet ewlenin tal-Internet.

Mill-2009, l-ICANN ħadet passi f'din id-direzzjoni, partikolarment bil-ħolqien ta' ċentri operazzjonali f'Istanbul u Singapor fl-2013. Dawn il-passi huma pożittivi. Madankollu, l-istatus tal-ICANN fil-liġi ta' Kalifornja b'relazzjoni kuntrattwali ma' pajjiż wieħed ma nbidilx. Ir-relazzjoni esklussiva tal-ICANN ma' gvern wieħed - kif muri bl-Affermazzjoni tal-Impenji tagħha - toriġina mill-istorja tal-internet u għandha ssir iktar globali fl-era tal-internet billi saret funzjoni ta' appoġġ vitali għas-soċjetajiet u l-ekonomiji fid-dinja kollha. F'Ottubru 2013, il-mexxejja ta' organizzazzjonijiet responsabbli mill-koordinazzjoni tal-infrastruttura teknika tal-Internet sejhū għall-aċċellerazzjoni tal-globalizzazzjoni tal-funzjonijiet ta' ICANN u IANA fid-dikjarazzjoni ta' Montevideo¹⁸ tagħhom dwar il-futur tal-kooperazzjoni tal-internet. Il-Laqgħa Plurilaterali Globali dwar il-Ġejjieni tal-Governanza tal-Internet, li se jospita l-Brażil f'April 2014, għandha tidentifika l-passi konkreti u li jistgħu jitwettqu biex jindirizzaw il-globalizzazzjoni tal-funzjonijiet ta' ICANN u IANA¹⁹.

Il-Kummissjoni se taħdem mal-partijiet interessati kollha biex

- tidentifika kif se tigglobalizza l-funzjonijiet ta' IANA, filwaqt li tħares l-istabbiltà u s-sigurtà tas-sistema tal-ismijiet tad-dominji;

- tistabbilixxi skeda ta' żmien ċara għall-globalizzazzjoni ta' ICANN, inkluż l-Affermazzjoni tal-Impenji tagħha.

5. PROĊESS PLURILATERALI

Il-proċessi plurilaterali fir-rigward tal-internet ħadu diversi forom li varjaw minn sempliċi networking għal deċiżjonijiet b'impatt globali bħal daww meħuda minn ICANN u l-proċessi tal-iffissar tal-ispeċifikazzjonijiet tal-Internet Engineering Task Force (IETF)²⁰. Madankollu, il-fatt li proċess jingħad li huwa plurilaterali, ma jiggarantix li se jipproduċi riżultati li jitqiesu bħala leġittimi b'mod wiesa'. Il-Kummissjoni qed tkompli tappoġġja approċċ plurilaterali ġenwin għall-governanza tal-internet, li jista' jipprovdi din il-leġittimità.

Sabiex tkompli ssaħħaħ il-mudell plurilaterali, il-Kummissjoni Ewropea tipproponi li l-proċessi plurilaterali marbuta mal-politiki tal-internet - minbarra mill-konsistenza tagħhom mad-drittijiet fundamentali - għandhom mill-inqas jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

•It-Trasparenza. Il-partijiet interessati kollha għandu jkollhom aċċess sinifikattiv għall-proċessi u l-proċeduri organizzazzjonali li taħthom jopera l-korp, u informazzjoni dwarhom. Dan għandu jipprevjeni, b'mod partikolari, kwalunkwe attività bi prokura ta' partijiet interessati li mhux involuti fil-ġestjoni.

¹⁷ COM(2009) 277

¹⁸ Ara <http://www.internetsociety.org/news/montevideo-statement-future-internet-cooperation>

¹⁹ Il-funzjonijiet ta' IANA jinkludu (1) il-koordinazzjoni tal-assenjazzjoni tal-parametri tekniċi għall-protokoll tal-internet; (2) l-amministrazzjoni ta' ċerti responsabbiltajiet marbuta mal-ġestjoni tar-root zone DNS tal-internet; (3) l-allokazzjoni tar-riżorsi numeriċi tal-internet; u (4) servizzi oħra marbuta mal-ġestjoni tad-dominji tal-ogħla livell (TLDs) tal-ARPA u INT.

²⁰ Ara <http://www.ietf.org/about/>

•**L-Inklussività u l-Bilanċ.** Dawk responsabbli għal proċess inklussiv għandhom jagħmlu sforz raġonevoli biex jilhqgħu l-partijiet kollha affettwati minn tema speċifika, u joffru opportunitajiet ġusti u aċċessibbli biex jipparteċipaw u jikkontribwixxu fl-istadji ewlenin kollha tat-tehd tad-deċiżjonijiet, filwaqt li jevitaw li l-proċess jiġi monopolizzat minn xi parti interessata dominanti jew mill-interessi personali.

•**Ir-Responsabbiltà.** Għandu jkun hemm impenji ċari u pubbliċi sabiex il-partijiet interessati jew l-entitajiet superviżorji indipendenti jirċievu rendikonti regolari, u sabiex kwalunkwe parti tkun tista' tfittex rimedju permezz ta' mekkaniżmi effettivi għar-riżoluzzjoni tat-tilwim.

Barra minn hekk, l-approċċi plurilaterali għandhom jagħmlu l-isforzi xierqa biex jagħmlu tajjeb għad-differenzi sinifikanti fil-kapaċità tal-partiċipazzjoni fost il-gruppi differenti tal-partijiet interessati sabiex ikun hemm l-aħjar rappreżentattività, eż. billi tiġi permessa l-partiċipazzjoni remota b'mod awtomatiku. Ukoll, għandu jkun rikonoxxut li l-istadji differenti tal-proċessi tat-tehd tad-deċiżjonijiet kollha għandhom il-bżonnijiet partikolari tagħhom u jistgħu jinvolvu settijiet differenti ta' partijiet interessati. Il-Kummissjoni tilqa' b'sodisfazzjoni il-fatt li xi gruppi ta' partijiet interessati qed jaħdmu fuq l-iżvilupp ta' linji gwida plurilaterali u tinkoraġġixxi aktar sforzi bħal dawn. Il-proċessi plurilaterali solidi għandhom essenzjali għall-governanza futura tal-internet. Fl-istess ħin, ma għandhomx jaffettwaw l-abilità tal-awtoritajiet pubbliċi, li s-setgħat u l-leġittimità tagħhom huma msejsa fuq proċessi demokratiċi, li jwettqu r-responsabbiltajiet pubbliċi tagħhom fejn dawn ikunu kompatibbli mad-drittijiet universali tal-bniedem. Dan jinkludi d-dritt tagħhom li jintervjenu, fejn ikun meħtieġ, b'azzjoni regolatorja.

Il-Kummissjoni Ewropea għadha temmen bis-sħiħ fil-mudell plurilaterali tal-governanza tal-Internet. Il-Kummissjoni tappella biex il-partijiet interessati jkomplu jsaħħu s-sostenibilità tal-mudell billi jagħmlu l-atturi u l-proċessi aktar inklussivi, trasparenti u responsabbli.

Il-Kummissjoni se taħdem mal-partijiet interessati dwar l-iskambju tal-aħjar Prattika.

Il-faċilitazzjoni tal-partiċipazzjoni inklussiva

Il-firxa wiesgħa ta' oqsma politiċi relatati mal-internet, flimkien mal-qafas istituzzjonali kumpless tiegħu, jirrappreżentaw ostakolu għall-partiċipazzjoni effettiva ta' ħafna partijiet interessati fil-proċess tat-tehd tad-deċiżjonijiet. Dan il-fattur jista' jwassal biex jinħoloq sens ġenerali ta' esklużjoni u ta' tneħħija tad-drittijiet. F'dan il-kuntest, il-ħtiġijiet tal-persuni b'diżabilità għandhom jitqiesu wkoll²¹. Jinħtieġu wkoll aktar sforzi biex l-istrutturi plurilaterali fil-pajjiżi li attwalment il-partijiet interessati tagħhom mhumix rappreżentati biżżejjed, jitwessgħu. L-appoġġ tar-Reġistri tal-Internet Reġjonali Ewropej u tal-Amerika ta' Fuq għat-twaqqif tar-Reġistru tal-Internet Reġjonali Afrikan huwa eżempju tajjeb.

Wieħed mill-modi kif tista' tiġi meġhluba din l-isfida huwa l-faċilitazzjoni tal-aċċess għall-fora u l-informazzjoni permezz tal-partiċipazzjoni mill-bogħod fil-laqgħat bħala regola ġenerali. Iktar' il quddiem, permezz tal-ġhodod tal-estrazzjoni tad-dejta u tal-viżwalizzazzjoni tad-dejta applikati lil dejta u informazzjoni disponibbli b'mod miftuħ dwar il-politika u l-

²¹ Dan għandu jirrifletti l-impenji li ħadet l-UE meta kkonkludiet il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità, ara <http://www.un.org/disabilities/convention/conventionfull.shtml>

governanza tal-Internet tista' tkun possibbli parteċipazzjoni aktar wiesgħa tal-partijiet interessati.

Il-Kummissjoni qed tippjana li tiżviluppa pjattaforma onlajn, imsejħa l-Osservatorju Globali tal-Politika tal-Internet (Global Internet Policy Observatory (GIPO)),²² li minnha l-informazzjoni tkun tista' tiġi diretta u magħmula aċċessibbli b'mod wiesa'. GIPO għandu l-għan li jkun riżorsa onlajn globali għall-monitoraġġ tal-tfassil tal-politika, ir-regolamenti u t-teknoloġija marbuta mal-internet, biex jgħin fl-identifikazzjoni tar-rabtiet bejn il-fora u d-diskussjonijiet differenti, sabiex jingħelbu "s-silos" politiċi u jgħin fil-kontestwalizzazzjoni tal-informazzjoni. B'hekk ikun iktar faċli għall-partijiet interessati b'riżorsi limitati biex isegwu, jifhmu u jipparteċipaw fil-governanza u l-politika tal-internet.²³

Il-Kummissjoni qed tipproponi li tniedi l-iżvilupp tekniku tal-Osservatorju Globali tal-Politika tal-Internet (GIPO) fl-2014 bħala riżorsa għall-komunità globali.

Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet interessati biex iżidu l-kapaċità tagħhom bil-għan li jistabbilixxu u jippromwovu l-proċessi plurilaterali fil-pajjiżi u r-reġjuni fejn dawn il-proċessi ma jeżistux jew huma inqas żviluppati.

Flimkien mar-riċevituri, fl-2014 l-Kummissjoni se tkompli ssaħħaħ il-programmi tagħha ta' għajjuna fl-iżvilupp li jappoġġaw l-iżvilupp tal-midja u l-libertà tal-espressjoni, kif ukoll ta' kapaċitajiet teknoloġiċi, regolatorji u ta' politika relatati mal-internet.

Fil-livell nazzjonali hemm xi esperjenza bit-tħaddim ta' mudell plurilaterali għall-formulazzjoni ta' politiki relatati mal-Internet. Fl-UE, nistgħu nsemmu l-eżempji tal-Conseil national du numérique Franċiż u l-Multistakeholder Advisory Group on Internet Governance tar-Renju Unit. Barra mill-Unjoni, il-Comitê Gestor da Internet Brażiljan huwa eżempju importanti fejn il-proċess plurilaterali jintuża fit-thejjijs konsultattivi tal-politiki marbuta mal-Internet²⁴. Fil-livell Ewropew jistgħu jiġu użati b'mod utli approċċi simili sabiex inaqqsu kemm jista' jkun il-frammentazzjoni futura tal-politiki relatati mal-governanza tal-internet, possibbilment billi wieħed jibni fuq l-esperjenza tan-netwerks eżistenti²⁵. Dan iwieġeb għall-bżonn li jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmu ta' konsultazzjoni avanzata bikrija li jkun adattat għall-pass mgħaġġel tal-bidla teknoloġika u l-implikazzjonijiet li jirriżultaw dwar il-politiki relatati mal-governanza tal-internet, permezz ta' djalogu kontinwu ma' firxa wiesgħa u kumplessa ta' gruppi ta' partijiet interessati. Funzjoni oħra importanti tista' tkun għajjuna għall-koordinazzjoni tal-attivitajiet tal-korpi konsultattivi eżistenti fl-UE, kull meta dan ikun rilevanti. Il-Kummissjoni jeħtiġilha tkun tista' tinvolvi ruħha b'mod sinifikattiv mas-sett varju ta' partijiet interessati tal-internet fl-Ewropa, b'mod li jinkludi wkoll inizjattivi bażiċi li jiffurmaw parti integrali mill-ekosistema tal-Internet.

²² Ara <http://ec.europa.eu/digital-agenda/en/news/commission-plans-guide-through-global-internet-policy-labyrinth>.

²³ Għall-iżvilupp tekniku ta' GIPO, ġiet alllokata kontribuzzjoni indikattiva mingħand l-Unjoni Ewropea ta' EUR 500 000 fil-programm ta' ħidma ta' Orizzont 2020 għall-2014-2015.

²⁴ Eżempji rilevanti oħra jinkludu l-komitati konsultattivi tal-"Internet" għall-OECD, kif ukoll il-KICTAnet Kenjana.

²⁵ Eż. EuroDIG, <http://www.eurodig.org/>

Il-Kummissjoni se tniedi konsultazzjoni wiesgħa, mas-soċjetà ċivili, il-komunitajiet tekniċi u akkadeimiċi u l-industrija Ewropea, kif ukoll mal-Parlament Ewropew u l-Istati Membri, dwar kif għandu jiġi żgurat l-involvement plurilateral adegwat u trasparenti fil-formulazzjoni tal-politika futura Ewropea dwar tal-governanza tal-Internet.

6. In-NORMI TEKNIĊI LI JAGĦTU FORMA LILL-INTERNET

Id-dettalji tekniċi tal-protokoll tal-internet u speċifikazzjonijiet oħra tat-teknoloġija tal-informazzjoni jista' jkollhom implikazzjonijiet sinifikanti fuq il-politika pubblika. Id-disinn tagħhom jista' jkollu impatt fuq id-drittijiet tal-bniedem bħad-drittijiet u s-sigurtà tal-ħarsien tad-dejta tal-utenti, il-kapaċità tal-utenti li jaċċessaw informazzjoni u għarfien varjat, u l-libertà tal-espressjoni onlajn tagħhom. Id-disinn jaffettwa wkoll partijiet interessati oħra, fost l-oħrajn il-kumpaniji li jagħmlu n-negozju onlajn, u l-kwistjonijiet dwar s-sigurtà tagħhom dawn għandhom jitqiesu wkoll.

Il-Kummissjoni tilqa' l-isforzi tal-komunità teknika li tistabbilixxi l-approċċi għall-iffissar tal-ispeċifikazzjonijiet abbażi tal-kwistjonijiet tal-politika pubblika. Xi eżempji pożittivi jinkludu gwida teknika għall-kunsiderazzjonijiet tal-privatezza fi protokoll godda²⁶, ir-rikonnoxximent tal-multilingwiżmu għall-ismijiet tad-dominji internazzjonalizzati, jew standards ta' aċċessibbiltà għall-persuni b'diżabilità. Dawn l-isforzi huma partikolarment importanti billi t-teknoloġiji bbażati fuq il-protokoll tal-internet qed jintużaw dejjem iktar fis-setturi ekonomiċi tradizzjonali bħall-enerġija, it-trasport, il-finanzi u s-saħħa.

Madankollu, anke fejn il-proċess tad-diskussjoni teknika huwa miftuħ, id-deċiżjonijiet ewlenin ta' spiss isiru mill-esperti tekniċi fin-nuqqas ta' rappreżentazzjoni wiesgħa tal-partijiet interessati. Approċċ plurilaterali effettiv għall-iffissar tal-ispeċifikazzjonijiet fuq l-internet ikun ibbażat fuq l-interazzjonijiet reċiproċi effiċjenti bejn il-kunsiderazzjonijiet tekniċi u dawk tal-politika pubblika²⁷ sabiex l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi jkunu b'mod aktar sistematiku it-tħassib tal-politika pubblika. Dan huwa partikolarment importanti meta jkun hemm impatt ċar fuq id-drittijiet legali tal-individwi, speċjalment id-drittijiet tal-bniedem tagħhom. Fl-istess ħin, it-tqassim u l-amministrazzjoni tar-riżorsi tal-internet isegwu regoli li huma maħluqa fi proċessi plurilaterali.

L-implikazzjonijiet ta' din l-evoluzzjoni fid-definizzjoni tan-normi f'rabta mal-internet jeħtieġu dibattitu pubbliku fil-beraħ ma' dawk kollha kkonċernati.

Huwa importanti wkoll li tiġi appoġġjata l-implimentazzjoni ta' standards miftuħa mill-industrija tal-Internet Ewropea u l-involvement tal-industrija tal-internet Ewropea fl-iżvilupp ta' standards tal-internet miftuħa.

Il-Kummissjoni, flimkien mal-partijiet interessati, inkluż l-industrija tal-Internet Ewropea, tipproponi li tlaqqa' sensiela ta' workshops ma' esperti internazzjonali fil-liġi,

²⁶ Ara <http://tools.ietf.org/html/rfc6973>

²⁷ Ara r-Regolament 1025/2012 tal-25.10.2012 dwar l-istandardizzazzjoni Ewropea, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-28.11.2011 li tistabbilixxi pjattaforma Plurilaterali Ewropea dwar l-istandardizzazzjoni tal-ICT, ara <https://ec.europa.eu/digital-agenda/en/european-multistakeholder-platform-ict-standardisation>

l-etika²⁸, ix-xjenzi soċjali, l-ekonomija, ir-relazzjonijiet internazzjonali u t-teknoloġija. Dan ir-riżultat mistenni jkun rakkomandazzjonijiet konkreti u li jistgħu jitwettqu biex tiġi żgurata l-koerenza bejn l-oqfsa normattivi eżistenti u l-forom ġodda ta' definizzjoni tan-normi tal-internet.

Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi lill-partijiet interessati kollha biex isaħħu (u, fejn xieraq, joħlqu) il-mekkaniżmi li jippermettuhom jipparteċipaw, jirrevdu u jikkumentaw f'livell avanzat b'mod regolari, bikri u inklussiv tasew fid-deċiżjonijiet tekniċi. Dawn il-mekkaniżmi strutturati għandhom jirsistu wkoll għall-konsistenza tad-deċiżjonijiet tekniċi mad-drittijiet tal-bniedem

7. IL-BINI TAL-FIDUĊJA

Il-fiduċja fl-internet u l-governanza tiegħu hija prerekwiżit għat-twettiq tal-potenzjal tal-internet bħala mutur għat- tkabbir ekonomiku u l-innovazzjoni. Is-sikurezza, is-sigurtà, l-istabbiltà u r-reżiljenza tal-internet huma essenzjali biex jippreservaw u jrawmu l-benefiċċji ekonomiċi u soċjali tal-ekosistema diġitali.

Il-Kummissjoni qed tindirizza dawn l-isfidi, notevolment permezz tar-riforma tal-qafas tal-UE għall-ħarsien tad-dejta²⁹, tal-ġlieda effettiva kontra ċ-ċiberkriminalità u ta' approċċ ambizzjuż għaċ-ċibersigurtà, bħall-istrateġija taċ-Ċibersigurtà tal-UE³⁰. Din l-istrateġija għandha l-għan li l-ambjent onlajn tal-UE tagħmlu wieħed mill-aktar sikuri fid-dinja, filwaqt li tippreserva u tkompli tippromwovi d-drittijiet fundamentali³¹. Għadd dejjem akbar ta' attivitajiet onlajn jiksru direttament l-eżerċizzju tad-drittijiet fundamentali.

Ir-reati ċibernetiċi, li jinkludu l-abbuż tat-tfal fuq l-internet³², is-serq tal-identità, l-attakki ċibernetiċi u l-frodi ta' pagamenti mhux bi flus kontanti u forum oħra ta' pproċessar illegali ta' dejta personali joħlqu theddida serja għall-fiduċja fl-użu tal-internet. Il-Kummissjoni hija impenjata li tnaqqas drastikament iċ-ċiberkriminalità.

Ir-rwol tal-komunità teknika huwa kruċjali, inkluż billi jiżgura l-fiduċja fil-komunikazzjonijiet ibbażati fuq l-IP u r-reżiljenza tal-kriptosistemi biex tiżdied l-affidabbiltà tal-komunikazzjonijiet ibbażati fuq l-IP. Dan ikun ta' appoġġ fil-ġlieda effettiva kontra ċ-ċiberkriminalità u jgħin biex jiżgura l-privatezza tal-utenti.

L-attivitajiet ta' sorveljanza u intelliġenza fuq skala kbira wasslu wkoll għal telf ta' fiduċja fl-internet u għall-arranġamenti ta' governanza attwali tiegħu. Il-Kummissjoni indirizzat xi

²⁸ Ara wkoll l-opinjoni ta' Gruppi Ewropej dwar l-Etika fix-Xjenza u t-Teknoloġiji l-Ġodda, http://ec.europa.eu/bepa/european-group-ethics/docs/publications/ict_final_22_february-adopted.pdf

²⁹ COM(2012) 11, 25.1.2012, "Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tal-individwi fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta (Regolament dwar il-Protezzjoni ta' Dejta Ġenerali)"

³⁰ JOIN(2013) 1, "L-Istrateġija taċ-Ċibersigurtà tal-Unjoni Ewropea: Ċiberspazju Miftuħ, Sikur u Sigur", 7.2.2013 u COM(2013) 48, "Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar miżuri li jiżguraw livell għoli komuni ta' sigurtà tan-netwerks u tal-informazzjoni madwar l-Unjoni"

³¹ Kif minqas fid-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi, il-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-UE

³² Id-Direttiva 2011/93/UE tat-13 ta' Diċembru 2011 dwar il-ġlieda kontra l-abbuż sesswali u l-isfruttament sesswali tat-tfal u l-pedopornografija, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2004/68/JHA u COM(2012) 196 finali, "Strateġija Ewropea għal Internet Aħjar għat-Tfal", 2.5.2012

wħud minn dawn il-kwistjonijiet, b'mod partikolari fil-Komunikazzjoni tagħha dwar il-
ħolqien mill-ġdid tal-fiduċja fit-trasferimenti internazzjonali tad-dejta personali³³. L-
implikazzjonijiet għall-governanza globali tal-internet għandhom jiġu indirizzati wkoll.

**Il-Kummissjoni se taħdem mal-Kunsill u l-Parlament għall-adozzjoni u l-
implimentazzjoni ta' malajr tal-leġislazzjoni ewlenija, inkluż ir-riforma tal-qafas tal-
ħarsien tad-dejta u d-Direttiva proposta dwar is-sigurtà tan-netwerks u tal-
informazzjoni, sabiex tissaħħaħ il-fiduċja onlajn.**

**Il-Kummissjoni tinsab impenjata li taħdem mas-sħab biex tinbena mill-ġdid il-fiduċja fl-
internet, anke permezz tat-tisħiħ tal-governanza globali tagħha, li hija prerekwiżit
essenzjali għal futur sostenibbli ta' internet miftuħ.**

8. IL-KUNFLITTI TAL-ĠURISDIZZJONIJET U L-LIĠIJET

Bħal attivitajiet transfruntieri oħrajn simili, l-internet joħloq sensiela ta' sfidi għall-
applikazzjoni tal-liġijiet. Filwaqt li dawn l-isfidi mhux dejjem ikunu speċifiċi għall-internet,
is-sempliċi kwantità tat-tranżazzjonijiet transfruntieri ta' tipi varji li jsiru online, tirrikjedi
riflessjonijiet aktar profondi dwar kif japplikaw ir-regoli eżistenti fuq l-internet.

L-applikazzjoni ekstrasettorjali tal-liġi nazzjonali, li ħafna drabi tkun ibbażata fuq il-
ġeografiji tas-Sistema tal-Ismijiet tad-Dominju, wasslet għal għadd ta' deċiżjonijiet legali
kontradittorji³⁴. Dan jista' jwassal, pereżempju, għal każijiet fejn l-ismijiet tad-dominju li
ntużaw f'ġurisdizzjoni waħda jiġu revokati abbażi tad-dispożizzjonijiet f'ġurisdizzjoni oħra,
skont il-pożizzjoni ġeografika tar-reġistratur jew tar-reġistru.

Ħafna attivitajiet fuq l-internet huma dejjem aktar regolati minn ftehimiet kuntrattwali bejn il-
kumpaniji privati u l-utenti fuq l-internet. L-obbligi mhux kuntrattwali tan-negożjanti u l-
intermedjarji tal-kummerċ elettroniku huma wkoll rilevanti f'dan il-kuntest. Il-komplessità u,
f'xi każijiet, l-opaċità ta' dawn l-arranġamenti, anki f'dak li għandu x'jaqsam mad-
dispożizzjonijiet dwar il-ġurisdizzjoni u l-liġi applikabbli, jistgħu jagħtu lok għal ċertu livell
ta' inċertezza legali.

Mil-lat tal-liġi privata, f'xi setturi jeżistu regoli uniformi Ewropej dwar il-ġurisdizzjoni u r-
rikonossiment u l-eżekuzzjoni tas-sentenzi u r-regoli dwar il-kunflitti, b'mod partikolari
rigward l-obbligi kuntrattwali u ekstrakuntrattwali. Dawn ir-regoli jirregolaw dan it-tip ta'
problemi fl-Unjoni Ewropea. Fil-livell internazzjonali, ir-regoli dwar il-kunflitti mhumieks
żviluppati biżżejjed, u dan iwassal biex, lil hinn mill-Unjoni, ikun hemm kunflitti mhux
solvuti tal-liġijiet. Partikolarment għas-servizzi relatati mal-internet li huma transfruntieri
min-natura tagħhom stess, bħas-servizzi tal-cloud computing, din il-komplessità fil-livell
internazzjonali tista' xxekkel it-tkabbir.

It-tensjoni bejn il-ġurisdizzjonijiet nazzjonali u internazzjonali tal-internet għandha tiġi
indirizzata b'tali mod li titqies ukoll id-diversità tal-każijiet li jaf ikunu soġġetti għal dawn il-
kunflitti, u li s-soltu ma jindirizzahomx wieħed waħdu.

³³ il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill: Il-Bini mill-Ġdid tal-
Fiduċja fil-Flussi tad-Dejta bejn l-UE u l-Istati Uniti, COM(2013) 846.

³⁴ Inventarju utli ta' eżempji huwa disponibbli mill-Proġett tal-Internet u l-Ġurisdizzjoni. Ara
<http://www.internetjurisdiction.net/>

Il-Kummissjoni Ewropea se tniedi reviżjoni dettaljata tar-riskji, fuq livell internazzjonali, tal-kunflitti tal-liġijiet u l-ġurisdizzjonijiet li jirriżultaw fl-internet u se tivvaluta l-mekkaniżmi, il-proċessi u l-għodod kollha disponibbli u meħtieġa biex jissolvew kunflitti bħal dawn. L-għażliet kollha għal azzjoni fuq livell internazzjonali jew fil-livell tal-Unjoni se jiġu sussegwentement ikkunsidrati bir-reqqa, inkluż l-inizjattivi leġislattivi possibbli jew il-gwida addizzjonali skont kif meħtieġ, soġġetti għal valutazzjonijiettal-impatt xierqa. Dan ix-xogħol se jibni fuq il-politiki eżistenti.

9. KONKLUŻJONIJIET

L-Unjoni Ewropea, kif ukoll il-bqija tad-dinja, jeħtieġu li jieħdu pożizzjoni konxja dwar l-għamla u l-iżvilupp tal-governanza tal-internet fil-ġejjieni. Il-Kummissjoni temmen li l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-UE jeħtieġu viżjoni komuni għall-mudell futur tal-governanza tal-internet. Il-Kummissjoni tippjana li tippubblika rapport dwar il-progress fl-2015 dwar l-elementi ewlenin deskritti f'din il-Komunikazzjoni fil-kuntest tal-iżviluppi globali fil-Governanza tal-Internet.

L-Internet għandu jibqa' network **wieħed, miftuħ, bla ħlas, u mhux frammentat** ta' bosta networks, li jkun soġġett għall-istess liġijiet u normi li japplikaw f'oqsma oħra tal-ħajja tagħna ta' kuljum. Il-governanza tiegħu għandha tkun ibbażata fuq **mudell plurilaterali** inklussiv, trasparenti u responsabbli ta' governanza, mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe intervent regolatorju li jista' jittieħed fid-dawl tal-għanijiet identifikati ta' interess pubbliku, bħall-ħarsien tad-**drittijiet tal-bniedem, il-libertajiet fundamentali u l-valuri demokratiċi kif ukoll id-diversità lingwistika u kulturali u l-ħarsien ta' persuni vulnerabbli. Arkitettura sikura, solida u reżiljenti** hija l-bażi għall-**fiduċja u l-kunfidenza** tal-utenti tal-internet. Fl-istess ħin, **is-setgħa tal-innovazzjoni tal-internet** għandha titħares bil-parteċipazzjoni sħiħa tal-ekonomija tal-internet Ewropea, billi tinbena fuq suq uniku diġitali msaħħaħ interkonness mad-dinja. Dan jirrikjedi amministrazzjoni bir-reqqa iżda soda.

L-Unjoni Ewropea qiegħda f'pożizzjoni tajba biex tagħmel il-parti tagħha fil-governanza tajba tal-internet, hekk kif tkompli tevolvi lejn soċjetà moderna li taħdem f'network, b'ċentri mifruxa ta' poter u teħid tad-deċiżjonijiet. Il-Kummissjoni tistieden lill-Kunsill u lill-Parlament, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali, lill-Kumitat tar-Reġjuni, u kif ukoll lill-Istati Membri, biex jaqblu dwar viżjoni komuni kif enfasizzat f'din il-Komunikazzjoni u biex jiddefenduha flimkien fid-dibattiti internazzjonali li jmiss.